**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 13 ta' Ottubru 2021**

Rikors Numru: 124/21 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 155/2009)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar id-19 t' April tas-sena elfejn u disgħa (19-04-2009) fir-Reġistru Pubbliku, Malta hekk kif evidenzjat mill-anness estratt tal-Att taż-żwieġ hawn mmarkat bħala 'Dok SG 1';

2. Illi l-partijiet kellhom żewġt itfal bl-isem ta’ E B D li twlied nhar is-sbatax t’ Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (17-10-2008) u F B D li twieldet nhar l-għaxra ta’ Novembru tas-sena elfejn u ħdax (10-11-2011) li għadhom minorenni.

3. Illi b’kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar James Grech LL.D. fis-26 t’ April tas-sena 2018 liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala ’Dok SG 2’, il-partijiet bonarjament isseparaw minn xulxin dan kollu wara li ġew debitament awtorizzati mill-Qorti ta’ Malta b’digriet numru 307/18 mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja);

4. Illi l-partijiet fil-premessi tal-kuntratt surreferit, u ċioe’ f’ paragrafu b) ikkonfermaw li kienu ilhom separati de facto sa’ minn Ottubru tas-sena 2016;

5. Illi l-partijiet irrinunzjaw għal kull dritt ta’ manteniment mingħand xulxin;

6. Illi fir-rigward tal-manteniment għall-ulied, fi klawsola numru 3.2 tal-kuntratt surreferit ir-rikorrenti A B obbliga ruħu li jħallas lill-intimata s-somma ta’ mitejn ewro (€200) fix-xahar għal kull wild u ċioe’ is-somma komplessiva ta’ erba’ mitt Ewro (€400) fix-xahar għaż-żewġ minuri;

7. Illi r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, huma sodisfatti stante:

   i. Illi l-partijiet ilhom separati għal-aktar minn erba’ snin;
   ii. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;
   iii. Illi ai termini tal-kuntratt ta’ separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala ’Dok SG 2’ il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jitolbu u jirċievu manteniment mingħand xulxin;
   iv. Illi fir-rigward tal-minuri ma hemmx kwistjonijiet ta’ manteniment;

8. Illi dan kollu huwa dikajrat u konfermat mir-rikorrent permezz t’ affidavit hawn anness u mmarkat ’Dok SG 3’.

9. Illi għal finijiet tal-Artikolu 66 N (1) (a) u (b) qiegħed jiġi rilevat li l-partijiet huma domiċiljati f' Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f' Malta:

Talab lilll-intimata, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ tad-19 t' April tas-sena elfejn u disgħa (19-4-2009) fir-Reġistru Pubbliku, Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien mħolli għal daqshekk minn din l-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda taż-żewġ rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' April, 2021;

Rat illi l-intimata prezenti fl-awla, fuq domanda tal-Qorti wieġbet li m'ghandha ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' April, 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.